**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1181/97

Eva Barbara, werrieta ta' Joseph M. Barbara

vs

Head Public Works Department

Illum 24 ta' Gunju 2002

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors ta' Eva Barbara f'isem il-mejjet Joseph M Barbara li permezz tieghu r-rikorrenti semmiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1987/Gunju 1991 is-Sur Joseph Barbara sofra ingustizzja f'diversi transfers;

Illi l-fatti fil-qosor kienu li Joseph M Barbara, Works Manager II, kien qala transfer f'Gunju 1987 ghall-garage ta' Hal Kirkop. Ma kien hemm l-ebda raguni ghal din it-transfer hlief il-mottiv politiku

peress li Joseph Barbar kien ikun ma' l-Ex Ministru Lorry Sant. Illi f'Gunju 1991 rega' qala' transfer ghal Sant'Antnin recycling plant. Id-Direttur tal-Public Works ta' dak iz-zmien ma kien ta' l-ebda raguni ghal dawn it-transfers u kkonfermawlu li ma kien hemm l-ebda rapporti negattivi kontra r-rikorrent.

Illi f'Sant Antnin recycling plant ma kellux xoghol x'jaghmel, la ufficcju, telefon u lanqas siggu fejn qabel hu kellu responsabbilta` ta' madwar 700 persuna li kienu jaqghu tahtu. Illi kien informa lill-Engineer J Abela li huwa ma setghax jibqa' minghajr xoghol. Illi s-sitwazzjoni baqghet l-istess u li ghal ragunijiet mhux maghrufa s-Sur Barbara kellu jibqa' f'dan il-post minghajr ufficcju u minghajr xoghol.

Illi dawn it-transfers effettwaw hafna lil Joseph M Barbara tant li waqa' f'depressjoni u sahtu bdiet tmur lura sa kemm fl-ahhar konsegwenza ta' dan l-inkwiet bla bazi, miet fis-26 ta' Ottubru 1993, xahar wara li hareg bil-pensjoni tal-Gvern;

Illi r-rikorrenti kien bi hsiebha li ggib biex isostni l-ilmenti taghha, lix-xhieda indikati f'dan ir-rikors biex jipprovaw il-kaz.

Ghaldaqstant, Eva Barbara talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju, f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa li z-zewg trasferimenti msemmija sehhew kif segwenti:

E.M.W.D. 'M' - E.M.W.D. 'K' 08.07.1987
E.M.W.D. 'K' - S.A.S.T.P. 01.06.1991

Illi dawn it-trasferimenti sehhew f'perjodu ta' erba' snin u r-rikorrenti fl-ebda istant ma bata xi telf finanjarju u fil-fatt dejjem baqa' jokkupa l-kariga ta' Works Manager II.

Illi trasferimenti ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza ndebita lil Joseph M Barbara u ma kienx il-frott ta' agir appressiv izda kienu gutifikati mill-principju tal-mobilta` ta' l-impjegati pubblici.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ konsulent legali tal-partijiet.

**PROVI:**

Xehdet Eva Barbara u kkonfermat il-fatti kollha indikati fir-rikors.

In kontro-ezami Eva Barbara xehdet li kienet prezenti meta zewgha kien ta ittra lill-Prim Ministru. Dwar it-transfers taf ghax kien jghidilha bihom. Ragunijiet ghal transfers ma kienx ikun hemm u Joseph Barbara spiss kien jghidilha "ghaliex ghamluli hekk?" jigifieri qatt ma kien ikun moghti raguni li fil-fehma tieghu kienet tkun valida ghat-transfer, specjalment in vista tat-transfer ta' Wied il-Ghajn fejn mar u anqas biss kellu siggu fuq xiex joqghod bil-qieghda.

Xehed Anglu Zahra li llum spicca minn mal-Gvern pero' qabel kien jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u kellu l-kariga ta' Direttur. Dan semma' li jiftakar lil Joseph Barbara li kien joqghod Hal-Lija, r-ragel tar-rikorrenti li kien jahdem bhala Works Manager 2. U fl-1987 Joseph Barbara kien General Manager tal-Marsa. Fl-1987 qalghu lix-xhud minn Hal-Kirkop u waddbuh il-Kalaxlokk waqt lil Joseph Barbara tefghuh il-Marsa u floku poggew iehor zewg gradi anqas minnhom. Dan it-transfer la kien ha gost bih ix-xhud u lanqas Joseph Barbara. Bil-post ta' Hal-Kirkop kien kuntent hafna bih x-xhud u semma' li Joseph Barbara kien hadha bi kbira hafna kif hadha x-xhud meta gew trasferiti. Lil hadd minnhom ma kienu taw raguni ghaliex sar it-transfer u semma' li jidhirlu li lil Barbara fl-1992 kienu baghtuh Sant'Antnin. Semma' li Barbara kien hadha bi kbira hafna u dan minhabba l-fatt li ma kienx xoghol tieghu fejn baghtuh. Kien ghamel zmien Barbara fejn anqas biss skrivanija ma kellu, anqas telefon u ma kellu xejn ta' l-ufficju. Hemmhekk kien spicca mis-servizz.

Xehed Walter Attard Principal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet li semma li fil-file ma kienx hemm indikat li Barbara kien ha transfer. Zid li fil-kaz ta' internal transfer gieli ma jkunx recorded u dana minhabba li jkun internal transfer. Fil-personal file qatt ma jigi ndikat internal transfer. Ma hemmx raguni ghala sar internal transfer fil-file.

Xehed Emanuel Cortis Principal fil-Human Resources Section tal-Works Division u kkonferma r-risposta moghtija mid-Direttur tax-Xoghol. Zid li mil-file ma jirrizultax transfers ohra. Ma hemmx raguni ghala saru t-transfer fil-file.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta illi ir-ragel tar-rikorrenti Eva Barbara u cioe' Joseph Barbara gie trasferit darbtejn bejn l-1987 u l-1991. L-ewwel darba fit-8 ta' Lulju 1987 u gie trasferit minn E.M.W.D.'M' ghal E.M.W.D.'K' u t-tieni darba trasferit minn E.M.W.D.'K' ghal S.A.S.T.P. u dana f'Gunju 1991. Id-Dipartiment tal-Public Works ma ta l-ebda raguni ghal dan it-trasferiment hlief li jinghad illi dan minhabba l-esigenzi tas-servizz u l-mobilita tal-impjegati, u li Joseph Barbara ma bata ebda telf finanzjarju kawza ta' dan u baqa' jokkupa l-istess kariga ta' Works Manager 2.

Dwar trasferiment u esigenzi tas-servizz dan it-Tribunal diga kellu l-okkazzjoni li jitkellem fuqhom.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa l-Public Works Department ma ta ebda raguni ghala l-esigenza tas-servizz kif issemma mhi ebda haga li taqbad u twaddabha minghajr ma tipprova taghti raguni f'hiex kienet tikkonsisti. Ma rrizultatx din l-esigenza tas-servizz. Huwa veru li r-rikorrent ma bata ebda telf finanzjarju, pero' rrizulta illi t-transfer inghata ghal xi raguni li ma tidhirx cara tant illi u hawnhekk tinstab l-aktar parti kerha ta' dan it-transfer illi ghal zmien twil Joseph Barbara ghamel zmien ma jigi assenjat l-ebda xoghol, minghajr skrivanija, minghajr telefon u l-facilitajiet l-ohra. Dan mhux sewwa illi jsir kemm principalment ghal persuna kkoncernata li f'dan il-kaz huwa ir-ragel tar-rikorrenti, kif ukoll ghall-poplu li qieghed ihallas it-taxxi li minnhom jithallsu l-pagi ta' l-individwi u ghalhekk is-socjeta' kollha tkun qed tbati l-ingustizzja li tkun saret. Dan it-

trasferiment ma giex bl-ebda mod spjegat mill-intimat u ghalhekk it-Tribunal isib illi l-eccezzjoni ta' l-intimat ma ghandiex tigi milquha u fil-fatt qieghed jichadha. Minhabba li t-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata it-Tribunal jilqa' l-istess talba peress illi f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistax jaghti rimedju kumpensattiv izda biss kumpens finanzjarju, jilqa' t-talba u jordna jinghata kumpens lir-rikorrenti fis-somma ta' Lm2000.

Spejjez kontra l-intimat.